# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**ILLUM IT-30 TA' MEJJU 2019**

**Kawza Numru: 3**

**Rik. Gur. 155/2017 RGM**

**Mark Anthony Micallef (KI 235084M)**

**vs.**

**Malta International Airport plc (C – 12663)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors guramentat ta' Mark Anthony Micallef** pprezentat fit-17 ta' Frar, 2017 li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:

1. Illi huwa kien jahdem mal-Kumpanija *Nuance* li ghandha *outlets* fl-ajruport internazzjonali ta' Malta, u gie akkuzat li nhar it-18 ta' Marzu, 2014, ghall-habta tas-sitta (6) ta' filghodu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, ikkommetta serq ta' proprjeta` (mobile tal-ghamla *Sony Experia* ta' kulur iswed) ghad-dannu ta' Clifton Sciberras minn B'Kara.

2. Il-kumpanija konvenuta, minghajr ebda investigazzjoni *daparti* taghha, u inappellabilment, immedjatament irtirat il-pass tal-esponenti milli jidhol fl-ajruport bhala impjegat, u ghalhekk ma setghax imur ghax-xoghol tieghu mall-kumpanija li taghha kien impjegat. Minghajr il-pass kull bniedem jigi mizmum milli jidhol f'*areas* riservati. Id-decizjoni tal-Kumpanija konvenuta tibda "*chain reaction*" immedjata, li twassal li impjegat ma jistax jidhol ghall-post tax-xoghol.

3. Illi b'sentenza moghtija fit-30 ta' Mejju, 2016, mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali huwa gie liberat minn kull imputazzjoni.

4. Illi minhabba l-agir unilaterali u illegali tal-kumpanija konvenuta, l-esponenti sofra danni konsistenti f'telf ta' qliegh li kien ikun intitolat ghalih, u dan peress li l-kumpanija konvenuta ppresumietu hati minghajr process skont il-ligi, u l-agir taghha meta rtirat il-pass, ma kienx validat jew awtorizzat mill-ebda qorti jew tribunal.
5. Illi minkejja interpellazzjoni l-kumpanija konvenuta ghall-hlas tad-danni baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

**Kawzali:-**

Peress li l-kumpanija konvenuta, b'azzjoni unilaterali u illegali, nehhiet il-pass li kellu l-attur biex jidhol ix-xoghol fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, u dan meta tressaq il-Qorti akkuzat b'serq izda presunt innocenti imma ghall-kumpanija konvenuta kien meqjus hati u dan b'mod inappellabbli; u dan mit-18 ta' Marzu, 2014.

Peress li hu gie liberat kompletament minn kull akkuza b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-30 ta' Mejju, 2016.

Peress li bid-decizjoni tal-kumpanija konvenuta huwa sofra danni konsistenti f'telf tal-qliegh tieghu tal-impjieg tul il-perjodu kollu u perjodu iehor sussegwenti.

Peress li ghal dawn id-danni responsabbli s-socjeta` konvenuta

**Talbiet**

Tghid il-kumpanija konvenuta ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjarha responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur konsistenti fil-*lucrum cessans* ghall-perjodu minn meta twaqqaf sakemm rega' ddahhal lura ghax-xoghol.

2. Tillikwida l-ammont tad-danni.

3. Tikkundanna lill-kumpanija konvenuta li thallas lill-attur is-somma li tigi hekk likwidata bhala *lucrum cessans*.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-kumpanija konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta Malta International Airport plc** pprezentata fit-30 ta' Marzu, 2017, fejn jinghad kif gej:

Teċepixxi bir-rispett u Patrick Murgo detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 143367M, bħala rapprezentant ta' Malta International Airport plc, bil-gurament tiegħu jikkonferma s-segwenti:

**<u>Id-difiza</u>**

1. Preliminarjament is-socjeta’ esponenti m’hix il-legittima kontradittriċi. Is-soċjeta’ esponenti m’hijiex responsabbli għall-ħruġ u/jew iritrar u/jew sospensjoni ta’ *‘security passes*’;

2. Preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju, t-tneħħija, irtirar u/jew sospensjoni tas-*‘security pass’* mhuwiex att magħmul mis-soċjeta’ esponenti u fil-fatt huwa egħmil amministrattiv regolat permezz tal-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 ‘Regolamenti dwar Sigurta’ fl-Ajruport (*Background Checks*)’. Għaldaqstant din it-tip ta’ azzjoni tista’ ssir biss taħt l-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-awtorita pubblika kkonċernata u ma tistax issir permezz ta’ kawża għad-danni. Għal dawn ir-raġunijiet, is-soċjeta’ esponenti għandha tinħeles mid-domandi;

3. Preliminarjament, u mingħajr preġudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti huma *in parte* preskritti ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. Mingħajr pregudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-irtirar ta’ tali ‘*security pass’* huwa rregolat mill- Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 ‘Regolamenti dwar Sigurta’ fl-Ajruport (*Background Checks*)’. Skont din il-liġi, u partikolarjament skont regolament numru 11(2), *‘security pass’* jista’ jigi rtirat meta detentur jkollu proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu li jkollhom x’jaqsmu ma’ reat li jinsab fit-Tieni Skeda tal-istess Legislazzjoni Sussidjarja. Ir-reat ta’ serq ta’ proprjeta’, u ċjoe’ r-reat li bih gie akkuzat ir-rikorrent, huwa wieħed mir-reati kontemplati f’din l-iskeda. Addizjonalment, u mingħajr preġudizzju, l-Leġislazzjoni Sussidjarja 405.04 fir-regolament numru 11B tispeċifika l-każijiet limitati ħafna meta persuna li ttieħdielha s-*‘security pass’* tista’ tappella quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva;

5. F’Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) u ċjoe’ wara li l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti gew konkluzi, is-soċjeta’ Nuance

Group (Malta) Limited ma' min kien jaħdem ir-rikorrent, applikat sabiex jerga' jinħareg *security pass* f'isem ir-rikorrenti. Din l-applikazzjoni kienet *in linea* mar-regolament numru 11A(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 'Regolamenti dwar Sigurta' fl-Ajruport (*Background Checks*)' fejn jingħad illi *'security pass'* jista' jerga' jinħareg mid-data tas-sentenza li għaddiet f'gudikat. Is-socjeta' intimata ma oggezzjonatx u di fatti *Aviation Security Malta* pproċediet bil-ħrug ta' *'security pass'* lir-rikorrent;

6. Illi għalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati;

7. Illi subordinament u mingħajr pregudizzju għas-suespost, is-soċjeta' esponenti ma kkawżat l-ebda danni lir-rikorrent u r-rikorrent jeħtieg li jipprova li hu sofra danni kif allegat u n-ness bejn dawn l-allegati danni u l-agir tal-esponenti li jista' jirrendiha responsabbli għal tali danni skont il-liġi;

8. Bl-ispejjez u salv risposti ulterjuri.

**<u>Il-fatti</u>**

9. Ir-rikorrent kien impjegat ta' Nuance Group (Malta) Limited u kien jaħdem fil-binja tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta meta gie akkuzat b'reat ta' serq wara li f'nhar it-18 ta' Marzu 2014, ufficjal tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u membru tal-Korp tal-Pulizija sabu *telephone* ċellulari li kien irraportat misruq, fil-pussess tar-rikorrent.

10. Is-*'security pass'* preċedentement maħrug f'isem ir-rikorrent gie kkonfiskat fil-preżenza tal-pulizija u sussegwentament ġie rtirat minn *Aviation Security Malta*. Dan huwa konformi mar-regolament numru 11(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 'Regolamenti dwar Sigurta' fl-Ajruport (*Background Checks*).

11. L-artikolu 12(1) tal-Att dwar Sigurta' fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Ċivili (Kapitolu 405 tal-Ligijiet ta' Malta) jkompli jikkonferma illi ħadd ma jista' jidħol f'zona ristretta jekk ma jkollux *'security pass'* jew awtorizzazzjoni temporanja bil-miktub maħruga mill-Kap tas-Sigurta' fl-Avjazzjoni (*Head Aviation Security*). Tali regolamenti qiegħdin fis-seħħ proprju minħabba ragunijiet ta' sigurta' sforz in-natura sensittiva tal-operat gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

12. Nhar it-30 ta' Mejju 2016, ir-rikorrent gie lliberat minn kull imputazzjoni b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Gjaladarba huwa gie lliberat, is-soċjeta' Nuance Group (Malta) Limited bhala s-soċjeta' ma min kien jaħdem ir-rikorrent, setgħet immedjatament tapplika ma' *Aviation Security Malta* ghall-ħrug mill-ġdid tas-'*security pass'* in kwistjoni.

13. Tali applikazzjoni madanakollu saret biss f'Ottubru 2016 u ċjoe' ferm wara d-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

14. Gjaladarba r-rikorrent gie lliberat mill-akkuzi ta' serq miġjuba fil-konfront tiegħu, is-soċjeta' intimata ma kellha ebda' raguni għaliex toġġezzjona għall-ħrug mill-gdid tas-*'security pass'* u *Aviation Security Malta* pproċediet bil-ħrug tas-*'security pass'*. Dan sar *in linea* mar-regolament numru 11A(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 'Regolamenti dwar Sigurta' fl-Ajruport (*Background Checks*) fejn jingħad illi *security pass* jista' jerga' jinħareg mid-data tas-sentenza li għaddiet f'gudikat jekk din tkun illiberat lill-akkuzat;

15. Ir-rikorrent qiegħed jerga' jaħdem gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, partikolarjament ma' Nuance Group (Malta) Limited;

16. Huwa għalhekk ċar illi s-soċjeta' esponenti aggixxiet skont ir-regolamenti vigenti, fil-limiti u skont l-obbligi imposti fuqha skont l-

istess regolamenti u dejjem bil-ħsieb illi tassigura s-sigurta' ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, is-soċjeta' esponenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."

Rat l-atti tal-kawza;

Rat l-affidavits kif ukoll ix-xhieda;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta intimata pprezentata fis-27 ta' Novembru 2018;[1]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent pprezentata fis-16 ta' Jannar 2019;[2]

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Avukati tal-partijiet;[3]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta konvenuta.

Ikkunsidrat

Illi r-rikorrent kien jahdem ma' The Nuance Group (Malta) Limited u kien ilu hekk jahdem mill-1 ta' Novembru 2013 u d-durata tal-kuntratt kien sat-30 t'April 2014.[4] Gara li  fit-18 ta' Marzu 2014, l-attur instab fil-pussess ta' mobile ta' xi haddiehor li kien jahdem gewwa l-ajruport u li kien dak inhar stess ilmenta li kien insteraqlu. Dak inhar stess ufficcjal tal-Ajruport Internazzjoni ta' Malta ha fil-pussess tieghu is-*security pass*

1 Pagna 88 tal-process.
2 Pagna 103 tal-process.
3 Traskrizzjoni f'pagna 109 tal-process.
4 Pagna 74 tal-process.

tar-rikorrent u ghaddih lis-superjuri tieghu. Sussegwentament dan il-pass tas-sigurta ghadda lil Aviation Security Malta (AVSEC). B'konsegwenza, ir-rikorrent ma setax jidhol gewwa zoni ristretti fl-ajruport in vista li l-uzu tal-pass huwa sabiex persuna tkun tista' tidhol f'zoni ristretti, inkluz il-post tax-xoghol tieghu. Ir-rikorrent qieghed jilmenta li peress li s-socjeta konvenuta rtiratlu l-pass huwa tilef l-impjieg u qieghed ghalhekk jitlob id-danni.

Illi min-naha taghha, is-socjeta konvenuta eccepiet preliminarjament li m'hijiex legittimu kontradittur stante li m'hijiex responsabbli ghal hrug, iritirar jew sospensjoni tal-pass. L-irtirar tal-pass ma kinitx decizjoni tas-socjeta konvenuta izda tal-awtorita pubblika, AVSEC. Din id-decizjoni ghalhekk tista' tigi kkunsidrata bhala eghmil amministrattiv regolat bil-Legislazzjoni Sussidjarja 405.04 li ghalih ir-rikorrent setgha istitwiexxa proceduri ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12.

Ikkunsidrat

Illi l-ligi principali li tirregola l-hrug, is-sospensjoni u l-irtirar tas-*security pass* fl-ajruport hija l-**Legislazzjoni Sussidjarja 405.04, Regolament dwar Sigurta fl-Ajruport (*Background Checks*).** Il-procedura ghall-hrug tas-*security pass* hija billi l-applikant japplika ghand il-Manager fi hdan l-Aviation Security (maghrufa bhala AVSEC), isir *background check* mill-Ufficcjali tal-Pulizija u jekk ma jkun hemm l-ebda informazzjoni avversa dwar l-applikant il-Manager johrog is-*security pass*. Ta' importanza fil-kaz odjern huwa Regolament 11B tal-Legislazzjoni Sussidjarja fuq imsemmija li jirregola l-irtirar ta' security pass:

Il-Manager għandu jinforma bil-miktub lid-detentur tas-security pass dwar l-irtirar msemmi fir-regolamenti 11 u 11A. Id-detentur tas-security pass għandu d-dritt japella quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, kontra l-irtirar tas-security pass fi żmien għoxrin jum

min-notifika tal-irtirar; appell kontra l-irtirar ta' security pass għandu jkun limitat għal waħda jew għaż-żewġ raġunijiet li ġejjin:

- illi r-reat inkwistjoni mhuwiex wieħed mir-reati elenkati fit-Tieni Skeda; u, jew
- illi l-perjodu ta' rijabilitazzjoni previst fir-regolament 11A kien iddekorra.

Manager huwa mfisser fit-tieni artikolu tal-**Kapitolu 405** taht id-definizzjoni ta' **Kap tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni** li 'tfisser dak l-uffiċjal pubbliku li jinħatar mill-Ministru biex ikun responsabbli għat-tmexxija b'mod ġenerali u għall-kontroll tas-sigurtà fl-avjazzjoni f'ajruporti speċifiċi u tinkludi kull uffiċjal pubbliku fid-dipartiment tiegħu li hekk jinħatar minnu għall-għanijiet ta' dan l-Att. Il-Kap tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni u d-dipartiment tiegħu huma l-awtorità xierqa maħtura għal Sigurtà fl-Avjazzjoni Ċivili f'Malta għall-finijiet tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru. 300/2008 u għall-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru. 18/2010'.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-provvedimenti ghandhom jigu analizzati fid-dawl tal-provi migjuba mill-partijiet quddiem il-Qorti. Mill-provi jirrizulta li kien Adrian Galea, ufficjal tas-sigurta impjegat mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li kkonfiska l-pass u dan hekk kif il-Pulizija infurmawh li kienu ser jittiehdu proceduri kriminali kontra Mark Anthony Micallef. Mill-provi ma jirrizultax li kien hemm ufficcjali tas-sigurta impjegati fi hdan AVSEC fil-mument li nstab il-mobile allegatament misruq fuq l-persunta tar-rikorrent u ghalhekk Adrian Galea kien qieghed jagixxi bhala l-*lunga manus* tal-awtorita governattiva responsabbli mis-sigurta gewwa l-ajruport. Dan jinghad fid-dawl ukoll ta' dak li jipprovdi l-Kaptiolu 405, fejn '"uffiċjal awtorizzat" tfisser kull persuna li tkun awtorizzata mill-Kap tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni, jew li tkun awtorizzata mill-Kap tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni bil-parir tal-Kummissarju tal-Pulizija, jew al-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, jew tad-Direttur

Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili, jew taċ-Chairman tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, li jwettaq id-dmirijiet ta' gwardja tas-sigurtà f'żona ristretta'. M'ghandux ghalfejn jinghad li l-livell tas-sigurta li ghandha tinzamm gewwa l-ajruport hija wahda kbira u dan minhabba s-sensitivita tal-post, kien ghalhekk li f'dak il-mument s-Sur Galea kkonfiska l-*pass* bhala mizura ta' sigurta[5]. Fil-korrispondenza tieghu Adrian Galea jikkonferma li huwa ha l-pass 'until the highest authority decides'[6], liema pass sussegwentament ghaddih lis-superjuri tieghu, William Batey.[7] Sa dan l-istadju ghalhekk jidher li kull ma sar kienet konfiska u mhux irtirar tal-pass tas-sigurta.

Illi mill-korrispondenza elettronika jirrizulta li fit-18 ta' Marzu 2014, William Batey ikkomunika permezz tat-telefown ma' Christopher Briffa, Warehouse and Logistics Manager mal-kumpanija The Nuance Group (Malta), fejn dan tal-ahhar infurmah li l-kumpanija li kienet tingagga lir-rikorrent kienet itterminat il-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent. Din giet sussegwentament ikkonfermata minn Isabelle Pisani, Human Resources Manger f'korrispondenza datata 24 ta' Marzu 2014 fejn fiha spjegat li l-kumpanija tterminat l-impjieg ta' Mark Anthony Micallef 'following this incident'.[8] F'din il-korrispondenza kien hemm ikkupjat il-Kap tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni, Mario Bugeja. Il-Qorti tifhem li din l-informazzjoni kienet fil-fatt qed tintbaghat ai termini tal-Artikolu 12 (4) tal-Kapitolu 405 (Att dwar Sigurta fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Civili) li jipprovdi li

(4) Min ikollu *security pass* li jkun inħariġlu taħt dan l-artikolu għandu jagħtih lura lill-Kap tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni meta dan jiskadi

5 Din harget daqt il-kontro-ezami tal-istess xhud.

6 Pagna 60 tal-process.

7 Affidavit ta' Adrian Galea (pagna 21 tal-process): 'Peress illi l-Pulizija ezekuttiva kienu ser jiehdu passi kontra Mark Anthony Micallef, jiena ikkonfiskajt l-airport security pass. Fil-prezenza tal-Pulizija stess u ghaddejtu lill-Managers tal-Ajruport Internazzjonali ta' malta biex jghadduh lill-Aviation Security Malta. Fid-dawl tal-proceduri kriminali li ttiehdu mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mark Anthony Micallef fejn gie akkuzat bir-reat ta' serq ta' proprjeta, nifhem li Aviatiion Security Malta rtirat is-security pass'.

8 Pagna 59 tal-process.

jew meta min ikun inħariġlu s-*security pass* ikun temm l-impieg tiegħu li dwaru jkun inħariġlu dak is-security pass, jew biss għax il-Kap tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni ikun talbu jagħmel dan, u dik il-persuna li tkun qed timpjega lil dak l-impjegat għandha minnufih tgħarraf lill-Kap tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni bit-tmiem, għal-liema raġuni tkun, ta' dak l-impieg.[9]

Illi waqt ix-xhieda tieghu, Mario Bugeja[10] ikkonferma li huwa ma kienx ghamel investigazzjoni dwar ir-ritorn tas-security pass u dan ghaliex ma kienx mitlub. Fid-dawl ta' din ix-xhieda u mill-korrispondenza surreferita jirrizulta li fil-verita l-Kap tas-Sigurta fl-Avjazzjoni ma kellu jiehu l-ebda decizjoni u dan ghaliex il-kumpanija The Nuance Group (Malta) kienet infurmatu li l-impjieg gie itterminat. Is-socjeta intimata ghaddiet is-security pass lill-awtorita responsabbli u dan johrog car mill-affidavit ulterjuri ta' Patrick Murgo, Kap tas-Sigurta fi hdan il-Malta International Airport[11].

Illi biss pero Isabelle Pisani[12] xehdet li l-impjieg gie terminat ghaliex ir-rikorrent ma kellux security pass. Tispjega li wahda mill-klawzoli tal-kuntratt ta' ingagg tghid li 'jekk persuna impjegata jittiehidlu l-pass, kemm b'mod temporanju u kemm b'mod [permanenti], ikollu jieqaf l-impjieg'. Mill-kumplament tal-provi ntwera li sa dan l-istadju s-*security pass* kien biss gie ikkonfiskat u sa dak l-istadju ma kien hemm ebda decizjoni mill-Kap tas-Sigurta tal-Avjazzjoni li l-pass ser jigi rtirat. Jidher li kienet id-decizjoni li jigi tterminat il-kuntratt tal-impjieg li waslet ghall-irtirar permanenti tas-security pass tal-attur. Dan l-irtirar ma sarx mis-socjeta' konvenuta izda mill-awtorita' kompetenti. Jigi sottolineat illi l-attur ma hux impjegat tas-socjeta' konvenuta.

9 Enfazi mizjud.
10 Xhieda moghtija fit-18 t'Ottubru 2017 (pagna 36 tal-process).
11 Pagna 57 tal-process.
12 Xhieda moghtija fit-13 ta' Gunju 2018 (pagna 69 tal-process)

B'email tal-24 ta' Marzu 2014 is-socjeta' The Nuance Group Malts Ltd informat:

*"Dear All,*

*Kindly be informed that the Company has terminated the employment of Mark Anthony Micallef ID 0235084M following this incident.*

*Thanks and regards.*

*Isabelle Pisani*
*Senior Administrator HR*

---

*The Nuance Group Malta Ltd."*[13]

Mill-provi akwiziti il-Qorti tqis li s-socjeta' konvenuta ippruvat sodisfacentement illi ma kenitx hi li irtirat is-security pass tal-attur izda kienet l-awtorita' responsabbli mis-sigurta' fl-ajruport u mill-hrug u l-irtirar tas-security passes fl-ajruport li ghamlet dan. Il-Qorti tqis illi s-socjeta' konvenuta ma hadet l-ebda decizjoni sabiex jigi rtirat il-pass; mil-legislazzjoni succitata jirrizulta li s-setgha sabiex jigi rtirat security pass hija moghnija esklussivament f'idejn il-Kap tas-Sigurta tal-Avjazzjoni u f'idejn hadd aktar. Is-security pass ghadda minn idejn impjegat tas-socjeta konvenuta lill-Kap tas-Sigurta tal-Avjazzjoni. Min-naha tieghu l-Kap tas-Sigurta tal-Avjazzjoni gie infurmat li l-kumpanija t-terminat l-impjieg tal-attur minhabba l-incident.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta hija fondata peress jirrizulta sodisfacentement li ma hiex il-legittimu kontradittur.

[13] Pagna 59 tal-process

Konsegwentement m'hemmx htiega li tiddeciedi wkoll it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta' konvenuta billi tilqaghha, tiddikjara illi s-socjeta' konvenuta ma hiex il-legittima kontradittrici fl-azzjoni attrici u konsegwentement tillibera lis-socjeta' konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Moqrija

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**